



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.12.2013
COM(2013) 850 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar il-funzjonament tal-arranġamenti għas-superviżjoni kompjuterizzata tal-
movimenti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju u dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-
kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa, skont l-Artikolu 8(3) tad-
Deċiżjoni Nru 1152/2003/KE, l-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2008/118/KE, l-
Artikolu 35(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2073/2004 u r-Regolament tal-
Kunsill (UE) Nru 389/2012**

{SWD(2013) 490 final}

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar il-funzjonament tal-arranġamenti għas-superviżjoni kompjuterizzata tal-
movimenti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju u dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-
kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa, skont l-Artikolu 8(3) tad-
Deċiżjoni Nru 1152/2003/KE, l-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2008/118/KE, l-
Artikolu 35(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2073/2004 u r-Regolament tal-
Kunsill (UE) Nru 389/2012**

WERREJ

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL..		2
1.	Introduzzjoni	4
2.	Sommarju	4
3.	Il-kompjuterizzazzjoni tal-moviment u s-sorveljanza ta' prodotti soġġetti għas-sisa .	5
4.	Il-verżjoni stampata tad-dokument elettroniku ta' amministrazzjoni jew dokument kummerċjali ieħor u arranġamenti ta' riżerva (l-Artikolu 45 (1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE)	8
5.	Riżultati tal-konsultazzjoni dwar l-arranġamenti għal kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazju tas-sisa	9
6.	Konklużjoni ġenerali u mixja 'l quddiem	10

1. INTRODUZZJONI

Fl-Unjoni Ewropea, id-dazji tas-sisa l-iktar applikati frekwentament huma dawk fuq ix-xorb alkoħoliku, il-prodotti tat-tabakk manifatturat u prodotti tal-enerġija (fjuwil għall-magni u fjuwil għat-tisħin, bħall-petrol u l-gażolina, l-elettriku, il-gass naturali, faħam u l-kokk). L-Istati Membri kollha tal-UE japplikaw dazji tas-sisa fuq dawn it-tliet kategoriji ta' prodotti u r-regoli bażiċi, speċjalment l-istruttura tat-taxxi u r-rati minimi, huma armonizzati fuq livell tal-UE sabiex jiġu evitati distorzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-Suq Intern li fih ma għadx hemm kontrolli ta' natura fiskali mal-fruntieri interni bejn l-Istati Membri.

Sabiex is-sistema tas-sisa fis-suq intern tiffunzjona, jeħtieġ dispożizzjonijiet ġenerali li japplikaw għall-kategoriji ta' prodotti. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw b'mod partikolari l-produttjoni, il-ħażna u l-moviment ta' prodotti tas-sisa bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, kooperazzjoni amministrattiva li tiffunzjona tajjeb bejn l-Istati Membri dwar dawn id-dazji tas-sisa kollha hija imperattiva jekk id-distorzjonijiet iridu jiġu minimizzati u s-sisa tkun applikata korrettament f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Għalhekk, il-leġislazzjoni tas-sisa speċifika għall-prodotti msemmija hawn fuq hija integrata f'sett ta' regoli orizzontali, stabbiliti f'diversi atti ta' leġislazzjoni tal-UE dwar dawn l-aspetti. Dan ir-rapport għandu l-għan li jivvaluta l-funzjonament ta' dawn ir-regoli orizzontali skont l-obbligi rispettivi tar-rappurtar fil-leġislazzjoni, fir-rigward ta' żewġ aspetti ewlenin:

il-funzjonament tal-arranġamenti għal superviżjoni kompjuterizzata tal-movimenti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju u

l-applikazzjoni ta' regoli ta' kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa.

Huwa għalhekk l-ewwel "element kostitwenti" ta' evalwazzjoni ekonomika formali ppjanat mill-Kummissjoni fis-snin li ġejjin li se jkopri wkoll sett sħiħ ta' regoli ġuridiċi sostantivi oħra stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u jirrevedi l-funzjonament tas-Sistema tal-Movimenti u tal-Kontrolli tas-Sisa (Excise Movement and Control System - EMCS) tal-UE, is-sistema kompjuterizzata għall-monitoraġġ tal-movimenti ta' oġġetti li huma soġġetti għas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa fi ħdan l-UE.

Ta' min jinnota li t-teknikalità tal-kwistjoni taġġmilha impossibbli li jerġgħu jiġu spjegati l-kunċetti bażiċi kollha u t-termini f'dan ir-rapport. F'dan ir-rigward, issir referenza għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni anness u l-ispejgazzjonijiet fuq is-siti elettronici¹ magħmula apposta tal-Kummissjoni. Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal anness jelabora dwar il-kwistjonijiet ippreżentati f'dan ir-rapport f'dettall sħiħ.

2. SOMMARJU

F'konformità mal-obbligi ġuridiċi imposti fuq il-Kummissjoni permezz tal-leġislazzjoni rilevanti dan ir-rapport jinkludi tliet taqsimiet iddedikati għall-implimentazzjoni ta' aspetti orizzontali determinati tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sisa. Kull taqsima hija bbażata fuq sondaġġ komprensiv tal-partijiet interessati rilevanti, kif ukoll kontribuzzjonijiet minn partijiet interessati u r-riflessjonijiet tal-

¹ http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/excise_duties/circulation_control/index_en.htm

Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet imqajma. Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni anness jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tal-kontribut miksub minn tliet sessjonijiet ta' konsultazzjoni ta' partijiet interessati, kif ukoll is-sejbiet ewlenin u l-metodoloġija applikata.

Il-Kapitolu 3 jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 1152/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompjuterizzazzjoni tal-moviment u tas-sorveljanza ta' prodotti soġġetti għas-sisa. Din id-Deċiżjoni stabbiliet l-arranġamenti ta' governanza u l-iffinanzjar tal-iżvilupp ċentrali għas-Sistema tal-Movimenti u tal-Kontrolli tas-Sisa (EMCS).

Il-maġġoranza kbira tal-partijiet interessati kollha jirrappurtaw li l-arranġamenti ta' governanza taħt id-Deċiżjoni jaħdmu tajjeb u jikkunsidraw li l-EMCS tirrappreżenta titjib kbir mis-sistema preċedenti bbażata fuq il-karta. Madankollu, il-partijiet interessati għamlu għadd ta' suġġerimenti utli għal titjib, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mar-rabta tal-EMCS ma' applikazzjonijiet doganali. Il-Kummissjoni se tqis dawn is-suġġerimenti fix-xogħol ġuridiku u tekniku tagħha fil-ġejjieni.

Il-Kapitolu 4 jindirizza r-rekwiżit skont l-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2008/118/KE għall-Kummissjoni sabiex ttiprovdi rapport dwar il-Proċeduri ta' Riżerva tal-EMCS, u l-kopja stampata tad-dokument amministrattiv elettroniku. Il-partijiet interessati kienu ġeneralment sodisfatti bl-arranġamenti mwaqqfa skont id-Direttiva 2008/118/KE, iżda talbu għal mudelli standard ta' dokumenti ta' riżerva biex jiżguraw li jkunu rikonossibbli faċilment bħala tali mill-partijiet kollha interessati. Il-Kummissjoni se tikkunsidra li jiġu inkorporati dawn is-suġġerimenti f'reviżjoni futura tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 684/2009.

Il-Kapitolu 5 jiġbor fil-qosor il-konsultazzjoni tal-Istati Membri dwar l-ewwel esperjenzi tagħhom mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004. Stati Membri jħossu li l-arranġamenti l-ġodda huma titjib fuq sistemi preċedenti bbażati fuq formoli elettroniċi, hekk kif jikkontrollaw il-fluss tax-xogħol aħjar u joffru arkivju ta' informazzjoni faċilment disponibbli dwar kooperazzjoni amministrattiva. Saru diversi suġġerimenti għal titjib fil-funzjonalità tal-EMCS li l-Kummissjoni se tinkludi fl-evoluzzjoni futura tal-EMCS u fejn meħtieġ fl-atti ta' implimentazzjoni li jikkorrispondu.

3. IL-KOMPJUTERIZZAZZJONI TAL-MOVIMENT U S-SORVELJANZA TA' PRODOTTI SOĠĠETTI GĦAS-SISA

Fl-2003, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Deċiżjoni 1152/2003/KE li tat il-mandat għall-kompjuterizzazzjoni tal-moviment u s-sorveljanza ta' prodotti soġġetti għas-sisa. Id-Deċiżjoni tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tagħha.

Fuq il-bażi ta' din id-Deċiżjoni l-EMCS kellha tiġi speċifikata u żviluppata mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-perjodu bejn l-2004 u l-2009. Kien maħsub li l-Negozju Ewlieni tal-EMCS tinbeda fl-1 ta' April 2009 (l-operaturi kollha fl-Istati Memri kollha setgħu jirrilaxxaw id-dokumenti elettroniċi ta' amministrazzjoni billi jibagħtu rapporti elettroniċi ta' rċevuta, filwaqt li s-sistemi bbażati fuq il-karta jkomplu joperaw.) L-applikazzjoni sħiħa tal-EMCS kienet ippjanata għall-1 ta' Jannar 2010 (il-movimenti kollha ta' prodotti taħt sospensjoni mid-dazju tas-sisa kellhom isiru permezz tal-EMCS).

Fuq il-bażi ta' diskussjonijiet li saru bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha u b'kont meħud ta' diskussjonijiet fil-Kumitat dwar id-Dażju tas-Sisa, instab li l-ippjanar oriġinali m'għadux realistiku. Bosta Stati Membri kkonfermaw li kien hemm problemi tekniċi bl-użu tal-EMCS. Kien hemm ukoll restrizzjonijiet ġuridiċi, hekk kif id-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar il-proposta għad-Direttiva, li tista' ttipprovdi l-bażi ġuridika għall-EMCS, kienu qed jieħdu aktar ħin milli kien mistenni oriġinarjament.

Għalhekk, il-Kummissjoni pproponiet li tirrevedi l-ippjanar għall-implimentazzjoni tal-EMCS u ssuġġeriet 2 għażliet:

(1) Posponiment tal-implimentazzjoni u t-tnedija tal-EMCS b'sena (sal-1 ta' April 2010) mingħajr ma tinbidel l-istrateġija stabbilita fl-Ispesifikazzjonijiet dwar l-Introduzzjoni Gradwali u l-Ambitu;

(2) Li tippermetti lil dawk l-Istati Membri li jkunu lesti li jibdeu l-implimentazzjoni u l-użu tal-EMCS bejniethom qabel April 2010 (pereżempju fl-1 ta' Settembru 2009) biex jipproċedu.

Fil-25 Laqgħa tal-Grupp tal-Politika Doganali (it-2 ta' Lulju 2008) id-Diretturi Ġenerali responsabbli għas-sisa ddeċidew b'maġġoranza kbira biex jappoġġjaw ix-xenarju nru 1.

L-ewwel fażi operattiva tal-EMCS bdiet titħaddem f'April 2010, flimkien mas-sistema bbażata fuq il-karta li kienet ilha tintuża sa mill-1993. L-EMCS ħadet post kompletament is-sistema preċedenti bbażata fuq il-karta mill-1 ta' Jannar 2011 'il quddiem.

Fl-1 ta' Jannar 2012 it-tieni fażi operattiva tal-EMCS bdiet titħaddem. Dan inkorpora r-reġistrazzjoni ta' azzjonijiet ta' kontroll, ir-rapport ta' avvenimenti matul il-movimenti u l-iskambju ta' informazzjoni għal kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni wettqet tliet sondaġġi lill-operaturi ekonomiċi u l-Amministrazzjonijiet tal-Istati Membri li jinvolvu aspetti varji tal-EMCS. Din it-taqsimha tittratta r-riżultati tas-sondaġġ imwettaq dwar aspetti tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni. Ir-riżultati ta' sondaġġi oħra huma diskussi f'kapitoli sussegwenti ta' dan ir-rapport.

Ġew riċevuti 131 tweġiba għal dan is-sondaġġ, li jikkonsistu f'104 operaturi ekonomiċi individwali u federazzjonijiet kummerċjali Ewropej, u 27 tweġiba minn 23 Stat Membru. Il-maġġoranza kbira ta' partijiet interessati jikkunsidraw li b'mod ġenerali l-għanijiet tad-Deċiżjoni ġew implimentati b'mod sodisfaċenti.

Il-partijiet interessati jirrappurtaw li l-arranġamenti ta' governanza stabbiliti fid-Deċiżjoni jaħdmu tajjeb: il-Proġett EMCS ta' kontribut suffiċjenti lill-partijiet interessati kollha u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ġeneralment jilħaq l-aspettattivi. Għalhekk il-Kummissjoni mhix se tkun qed tipproponi reviżjoni tad-Deċiżjoni.

L-operaturi ekonomiċi huma b'mod ġenerali sodisfatti bl-arranġamenti għall-konsultazzjoni tal-proġett EMCS, imsejsa fuq il-Grupp ta' Kuntatt dwar is-Sisa (Excise Contact Group - ECG). Madankollu, xi operaturi ekonomiċi jixtiequ jaraw aktar laqgħat tal-ECG b'aktar diskussjonijiet dwar l-aspetti prattiċi. Huma jixtiequ jaraw ukoll il-Kummissjoni twettaq sondaġġi b'mod aktar frekwenti mmirati lejn

negozjanti li jikkonċernaw l-EMCS. Il-Kummissjoni se tinvestiga kif l-aħjar tissodisfa dawn it-talbiet.

Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet interessati kollha jemmnu wkoll li l-EMCS tirrappreżenta titjib kbir fuq is-sistema preċedenti bbażata fuq il-karta. Dan jidher ukoll mir-rati estremament baxxi ta' żbalji tekniċi (żbalji tekniċi jseħħu f'anqas minn 1 % tal-movimenti) u l-ħinijiet qosra ħafna meħtieġa biex jitwettqu l-movimenti tas-sisa (bħala medja 6.8 jiem mill-validazzjoni tad-dokument elettroniku ta' amministrazzjoni għall-preżentazzjoni ta' rapport ta' notifika tal-wasla fid-destinazzjoni.)

Madankollu, għad hemm xi aspetti tal-EMCS li jeħtieġu attenzjoni:

Ir-rabtiet bejn l-EMCS u l-applikazzjonijiet doganali ma jaħdmux b'mod sodisfaċenti, u jeħtieġu interventi manwali mill-operaturi ekonomiċi u l-Amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rabta mal-esportazzjoni fejn il-proċedura ta' esportazzjoni tibda fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru li fih huwa bbażat l-operatur ekonomiku tas-sisa, jew meta l-prodotti joħorġu 'l barra mill-Unjoni Ewropea minn Stat Membru ieħor;

L-arranġamenti għall-immaniġġjar ta' eċċezzjonijiet fis-sekwenza normali tal-avvenimenti waqt moviment mhux dejjem ikunu definiti sew, u dan iwassal għal inċertezza ġuridika u piż żejjed fuq l-operaturi ekonomiċi u l-Istati Membri;

L-operaturi ekonomiċi għadhom xi drabi jsofru dewmien minħabba dewmien fid-distribuzzjoni ta' informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet ta' operaturi ekonomiċi fi Stati Membri oħra;

Xi destinatari u xi Stati Membri li jaġixxu bħala Stati Membri ta' Destinazzjoni għadhom jesperjenzaw problemi bil-kwalità tad-dejta li jirċievu mingħand spedituri.

Sabiex jiġu solvuti l-problemi assoċjati mal-konnessjonijiet ma' sistemi doganali se jiġi speċifikat rilaxx futur tal-EMCS, u se jinkludi titjib fil-konnessjonijiet ma' sistemi doganali. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem sabiex tinkorpora rekwiżiti speċjali għal oġġetti tas-sisa fl-applikazzjonijiet doganali ġodda li se jiġu żviluppati għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Dan se jinvolvi wkoll reviżjoni tad-dispożizzjonijiet fid-Direttiva 2008/118/KE dwar il-proċeduri doganali.

Il-Kummissjoni qed tinvestiga kif tista' ttejjeb it-trattament ta' eċċezzjonijiet, għall-inkorporazzjoni ta' funzjonalità ġdida f'rilaxx futur tal-EMCS. Dan jista' jinvolvi r-reviżjoni tad-Direttiva 2008/118/KE sabiex tiċċara u tespandi dispożizzjonijiet eżistenti f'dan il-qasam.

Il-Kummissjoni addottat Regolament ta' Implimentazzjoni ġdid (Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 612/2013) li jistipula d-distribuzzjoni f'ħin reali tal-awtorizzazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi bejn l-Istati Membri. Id-distribuzzjoni f'ħin reali se tkun operattiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015.

Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri biex ittejjeb l-ittestjar għall-konformità tal-applikazzjonijiet EMCS sabiex titnaqqas il-possibiltà ta' problemi minħabba dejta skorretta.

Fl-aħħar nett, il-partijiet interessati ntalbu jissuġġerixxu mezz għall-kejl tal-prestazzjoni tal-EMCS fil-futur. Hemm livell għoli ta' ftehim bejn il-partijiet interessati dwar kejl fil-futur.

Żmien meħud biex jingħalqu l-movimenti;

Żmien meħud biex tingħata tweġiba għat-talbiet għal kooperazzjoni amministrattiva;

Perċentwal ta' movimenti bi żbalji;

Perċentwal ta' movimenti ta' esportazzjoni li jkollhom bżonn jingħalqu manwalment;

Tnaqqis miżurabbli fil-piż amministrattiv/titjib fil-ġbir tad-dħul.

Il-kejl deskritt fil-punti 1 sa 3 hawn fuq jista' fil-prinċipju jinkiseb awtomatikament. Il-punti 4 u 5 jeħtieġu aktar investigazzjoni sabiex jiġi stabbilit l-aħjar mezz biex tingħabar din l-informazzjoni.

Il-Kummissjoni qed tipprepara Regolament ta' Implimentazzjoni li jikkonċerna l-istatistika abbażi tal-Artikolu 34 tar-Regolament tal-Kunsill (EU) Nru 389/2012 u se tqis dawn ir-rakkomandazzjonijiet fit-tfassil tar-Regolament ta' Implimentazzjoni u fir-reviżjoni tal-funzjonament tal-komponent EMCS CS/MISE².

4. IL-VERŻJONI STAMPATA TAD-DOKUMENT ELETTRONIKU TA' AMMINISTRAZZJONI JEW DOKUMENT KUMMERĊJALI IEĦOR U ARRANĠAMENTI TA' RIŻERVA (L-ARTIKOLU 45 (1) TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2008/118/KE)

Dan il-kapitolu tar-rapport tħejja abbażi tal-Artikolu 45 (1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE, li jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Proċeduri ta' Riżerva EMCS, li huma koperti mill-Artikoli 26 u 27 tad-Direttiva, u l-kopja stampata tad-dokument li jakkumpanja previst skont l-Artikolu 21(6) tad-Direttiva. Sabiex jinbena dan ir-rapport il-Kummissjoni wettqet sondaġġ indirizzat lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti ta' negozjanti sabiex jgħin fl-evalwazzjoni, l-effikaċja u l-utilità ta' dawn l-arranġamenti. Tpoġġew ukoll xi mistoqsijiet dwar l-EMCS b'mod ġenerali biex tiġi provvduta orjentazzjoni għal aktar riċerka. Il-kwestjonarju rċieva total ta' 104 tweġibiet u żewġ kampjuni differenti setgħu jiġu identifikati, il-kampjun tal-Istati Membri u l-kampjun tan-negozjanti.

It-tweġibiet għall-kwestjonarju joffru informazzjoni utli rigward il-proċedura ta' riżerva attwali u kwistjonijiet possibbli mal-kopja stampata tad-dokument li jakkumpanja. Il-maġġoranza kbira tal-kampjuni tal-Istati Membri u l-kampjuni tan-negozjanti kienet sodisfatta bil-proċedura tar-riżerva kif inhi bħalissa. Madankollu, il-maġġoranza taż-żewġ kampjuni esprimiet il-ħtieġa għal dokument ta' riżerva standardizzat għall-Istati Membri kollha bi preżentazzjoni fissa. Il-maġġoranza tal-Istati Membri ħassew li mudell standard li jinkludi biss id-dejta essenzjali jnaqqas il-bżonn li jinbidlu d-dokumenti ta' riżerva kull darba li jkun hemm verżjoni ġdida tal-EMCS. It-tnaqqis fil-ħtieġa li wieħed jirrikorri għall-proċedura ta' riżerva billi jiġu investigati modi għal-titjib fid-disponibbiltà ta' aċċess nazzjonali għall-EMCS huwa wkoll prijorità għal xi wħud min-negozjanti li wiegħbu.

Rigward il-kopja stampata tad-dokument ta' akkumpanjament elettroniku (electronic Administrative Document - e-AD) 50 % tal-Istati Membri ħasbu li ż-żieda ta' barcode li jkun fih il-kodiċi ta' referenza amministrattiv tad-dokument tkun utli.

² Dan il-komponent EMCS huwa responsabbli għall-estrazzjoni ta' dejta operattiva u għall-ġenerazzjoni ta' rapporti statistiċi u għalhekk se jipprovdi l-maġġoranza tal-informazzjoni għar-rappurtar dwar il-prestazzjoni.

Kważi 40 % tal-kampjun tal-Istati Membri u l-kampjun tan-negozjanti jesprimi l-hteġa għal dokument standardizzat. Jista' jitfassal mudell standardizzat, li għandu jinkludi barcode. Dan jgħin fir-rikonoxximent tal-kopja stampata u jgħin biex jissolvew il-problemi lingwistiċi li jkun hemm meta l-materjal ikun stampat fl-ilsna uffiċjali kollha. Madankollu, min wieġeb wera prijorità ogħla fuq xogħol rigward ir-riżerva hekk kif maġġoranza kbira taż-żewġ kampjuni indikat hteġa għal dokument ta' riżerva standardizzat.

Bi tweġiba għall-mistoqsijiet ġenerali dwar l-EMCS maġġoranza kbira kemm tal-kampjun tal-Istati Membri u l-kampjun tan-negozjanti tiddikjara li l-esperjenza operazzjonali tagħha mal-EMCS hija bejn tajba u eċċellenti. Biex titjeb is-sistema dawk li wieġbu jissuġġerixxu azzjonijiet bħal pereżempju l-possibbiltà li d-dejta tiġi kkoreġuta fl-(e-AD) wara l-validazzjoni u l-aġġornament aktar malajr tad-dejta fil-bażi tad-dejta SEED (reġistru distribwit ta' negozjanti awtorizzati biex iġorru l-merkanzija taħt l-EMCS), sabiex tinżamm aġġornata. L-investigazzjoni tal-problemi bl-EMCS fil-proċedura tal-esportazzjoni hija wkoll ta' importanza kbira. Se titwettaq aktar riċerka dwar ir-rispons li jasal permezz tal-kwestjonarju sabiex jiġu pperfezzjonati s-sondaġġi li jmiss dwar il-metodi u l-kriterji għal evalwazzjonijiet futuri tal-EMCS u fuq l-implementazzjoni tad-Direttiva 2008/118/KE b'mod ġenerali.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda:

- L-iżvilupp ta' mudelli standardizzati għal dokumenti ta' riżerva għall-Istati Membri kollha bi tqassim fiss.
- L-investigazzjoni għal titjib fid-disponibbiltà ta' sistemi nazzjonali EMCS sabiex jiġi evitat il-bżonn li tintuża l-proċedura ta' riżerva.
- Għall-kopja stampata tal-e-AD jistgħu jiġu proposti mudelli standardizzati. Dan għandu jgħin biex jonqsu d-diffikultajiet lingwistiċi. Il-mudell jista' jkun ibbażat fuq dokumenti kummerċjali standard, bħalma huwa s-CMR (Consignment Note for Road Transport) Dokument ta' Akkompanjament għat-Trasport fit-Triq. Dan għandu jiġi introdott fuq bażi volontarja fi proġett pilota.
- In-numru ARC³ li jidentifika kull moviment b'mod uniku, għandu jkun riprodott bħala barcode fuq il-kopja stampata, sabiex tingħata għajna lill-kontrolli tat-triq, u biex in-negozjanti jiġu assistiti fl-identifikazzjoni tal-konsenji.

Il-Kummissjoni, fejn japplika, se tinkorpora r-rakkomandazzjonijiet t'hawn fuq fl-emenda li jmiss tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 684/2009 li jispecifica l-kontenut tal-messaġġi elettroniċi EMCS u l-istruttura tad-dokumenti tar-riżerva.

5. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONI DWAR L-ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TAD-DAZJI TAS-SISA

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 daħal fis-seħħ f'Lulju 2012 biex jieħu post ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2073/2004. Ir-Regolament il-ġdid jiċċara u jarmonizza arranġamenti għar-reġistrazzjoni ta' operaturi ekonomiċi, skambju ta' informazzjoni, il-produzzjoni ta' statistika operazzjonali u d-dmir tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri biex iżommu u jiżviluppaw l-EMCS.

³ Kodiċi ta' Referenza Amministrattiv – ,ara wkoll : http://ec.europa.eu/taxation_customs/common/faq/faq_2898_en.htm għal aktar dettalji u spjegazzjonijiet

L-ewwel rapport dwar il-funzjonament tar-Regolament huwa dovut fl-2017, iżda kien meqjus utli li jinġabru l-ewwel reazzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-użu tar-Regolament, partikolarment fil-kuntest tal-EMCS, peress li r-Regolament jordna l-użu tal-EMCS f'kull ċirkostanzi normali.

S'issa, ir-Regolament il-ġdid ma wassalx għal bidliet kbar fil-mod kif l-Istati Membri jikkooperaw ma' xulxin. Dan minkejja ż-żieda fir-responsabbiltajiet tar-rwol tal-Uffiċċju Ċentrali ta' Kollegament tas-Sisa.

Is-sostituzzjoni ta' formoli elettroniċi permezz tal-Fażi 3 tal-EMCS (sa minn Jannar 2012) kienet suċċess kbir u hija meqjusa bħala titjib mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Madankollu, il-kontenut attwali u l-fluss tax-xogħol għandhom jiġu riveduti sabiex wieħed jara jekk huwiex possibbli titjib li jissodisfa l-ħtiġijiet kummerċjali espressi .

L-Istati Membri jixtiequ jaraw l-iżvilupp ta' messaggġ ta' reazzjoni fl-EMCS, flimkien ma' dispożizzjoni fir-Regolament ta' Implimentazzjoni xieraq, li jkun jippermetti lill-Istati Membri rikjedenti biex jinfurmaw, lill-Istati Membri mitluba dwar azzjonijiet sussegwenti li hađu abbażi tal-informazzjoni riċevuta.

Xi Stati Membri kkritikaw l-arranġamenti ta' riżerva attwali tal-EMCS. Iċ-ċirkolazzjoni ta' dokumenti mhux neċessarjament tinvolvi l-Istati Membri u hija meqjusa li tagħti opportunitajiet għal frodi. Dawn l-Istati Membri jixtiequ jaraw iċ-ċirkolazzjoni ta' dokumenti tgħaddi mill-Istati Membri kkonċernati, b'korrispondenza mal-fluss tal-e-AD.

Xi Stati Membri jixtiequ jaraw messaggġ ġdid li jippermetti t-trasferiment ta' informazzjoni fejn l-operatur ekonomiku li qed jiġi vverifikat ma jkunx f'pożizzjoni li jipproduċi dokumentazzjoni għall-oġġetti tas-sisa preżenti.

Xi Stati Membri rrapportaw li parti mit-talbiet għal kooperazzjoni amministrattiva ma jitwegħbux fil-limitu ta' żmien ta' xahar jew tliet xhur , jew saħansitra ma jitwegħbux. Fattur kontributorju jista' jkun li l-EMCS ma tappoġġjax il-possibbiltà permessa mir-Regolament (UE) 389/2012 li tirrifjuta talba għal kooperazzjoni amministrattiva, jew li ttipprovi ġustifikazzjoni għal dan ir-rifjut, għalkemm huwa possibbli li wieħed jirrifjuta talba minħabba l-passat ta' xi moviment EMCS. Xi wħud mill-Istati Membri ssuġġerew ukoll li s-sistema għandha mnejn tissaħħaħ biex tkun tista' tappoġġja risposti mhux kompluti għat-talbiet.

SEED hija meqjusa li taħdem tajjeb u hija l-aktar affidabbli u aġġornata. Huwa mistenni li jkun hemm iktar titjib mad-daħla fis-seħħ tar-rekwiżiti tal-livell tas-servizz fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2013.

Appoġġ aħjar għall-analiżi tar-riskju għandu jiġi inkorporat fl-EMCS fil-ġejjieni.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet se jiġu meqjusa mill-Kummissjoni fix-xogħol ġuridiku u tekniku tagħha fil-ġejjieni.

6. KONKLUŻJONI ĠENERALI U MIXJA 'L QUDDIEM

Is-sondaġġi mnedija mill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tar-regoli orizzontali ewlenin rigward il-funzjonament tal-arranġamenti għal superviżjoni kompjuterizzata tal-movimenti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju u l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa juri biċ-ċar li r-regoli attwali qed jaħdmu b'mod sodisfaċenti. Madankollu, waslu għadd ta' suġġerimenti utli għal titjib, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mar-rabta tal-EMCS ma'

applikazzjonijiet doganali, iżjed standardizzazzjoni ta' dokumenti ta' riżerva, u suġġerimenti speċifiċi għal xi funzjonalitajiet EMCS. Il-Kummissjoni beħsiebha tqis dawn mal-Istati Membri f'xogħol tekniku rilevanti, u fejn xieraq tinkludi atti ta' implimentazzjoni.

Abbażi ta' evalwazzjoni aktar komprensiva tas-sistema tas-sisa tal-UE u partikolarment tal-EMCS b'mod sħiħ u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/118/KE fl-intier tagħha se titwettaq bil-ħsieb li jkun hemm inizjattiva għal riforma leġiżlattiva possibbli sa mill-2015.